# KRONAKA TAL-GĦAQDA

## Dun Karm Mogħti Gratifikazzjoni Mill-Gvern

GĦANDNA l-pjaċir inħabbru illi l-Gvern għoġbu jagħti gratikazzjoni, barra s-somma ta' Pensjoni, lil DUN KARM għall-merti letterarji tiegħu li swew ta' ġid kbir għall-progress tal-Lsien Malti.

Ma' Dun Karm, il-"Għaqda" għandha biex tifraħ ukoll, il-għaliex nistgħu ngħidu li l-ħidma tiegħu fil-kamp letterarju Malti dehret mat-twelid tal-"Għaqda", u l-ġieh kollu li bih iżżejjen ismu jirrifletti wkoll fuq isem il-"Għaqda" li b'saħhitha Dun Karm kellu l-opportunità li mal-weraq tar-rand li bih hu kien diġà iżżejjen f'żgħożitu bil-pinna poetika tiegħu fil-"Foglie d'Alloro" iżid kotra ta' weraq tar-rand ieħor Malti meta, mheġġeġ mid dekan tal-kitba Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi, dik il-ħabta Editur ta' "Il-Ħabib", kien tħajjar iħaddem il-pinna tal-Musa Maltija u jdawwar ismu b'rand ġdid u hekk sabiħ li l-lum tah l-isem ta' Poeta Nazzjonali.

Taħt riżq il-"Għaqda", li tagħha kien it-tieni President u Direttur tal-organu tagħha "Il-Malti", wara l-mewt tal-mejjet u qatt minsi Ġużè Muscat Azzopardi, lilu ngħatat għall-ewwel darba l-Medalja tad-Deheb — Premju Muscat Azzopardi. Wara mbagħad l-Università ta' Malta għoġobha żżejnu bil-grad ta' D.Litt., (Hon. Caus.), u sena ilu, fost id-dekorazzjonijiet li ngħataw mill-Maħbuba Reġina Tagħna, lill-Poeta Nazzjonali tagħna, b'rikkmandazzjoni tal-Gvern, ingħatat id-dekorazzjoni ta' C.B.E.

Din id-darba nistgħu ngħidu li fuq rikkmandazzjoni qawwija tal-Kunsill tal-"Għaqda", bħala kumpens tax-xogħol li għamel Dun Karm f'dawn l-aħħar tletin sena u fuqhom għall-ġid tal-Malti bil-versi tiegħu, il-Gvern kompla juri l-qima u l-gratitudini tiegħu f'isem MALTA lejn il-Poeta Dekan tagħna li għadu mimli bil-għomor u li nixtiqulu jissokta jgħix għal żmien itwal u jgawdi l-mistrieħ li bil-ħaqq kollu jistħoqqlu.



## LAQGĦA TAL-MEMBRI TAL-GĦAQDA MAL-PROF. A. J. ARBERRY, LITT.D., M.B.A.

Fit-23 tax-xahar ta' Diċembru li għadda Membri tal-"Għaqda" kellhom laqgħa b'*Sherry Party* mal-Professur Dr. A. J. Arberry, Litt. D., M.B.A., u mas-Sinjura tiegħu, Mrs. Arberry, fil-Kamra tal-Professuri, l-Università, fis-6 ta' wara nofs in-nhar.

Dr. Arberry huwa Professur tal-Lsien Għarbi fl-Università ta' Cambridge, u awtur ta' diversi kotba fuq ill-etteratura Għarbija. Mal-mistednin kien hemm ukoll il-Professur Ġ. Aquilina, Presiden t Onorarju tal-"Għaqda", li flimkien mal-Professur Galea, President tal-"Għaqda", laqqgħu lil kull Membru mal-Professur Arberry, li ħa pjaċir jitkellem magħhom u fuq ix-xogħol ta' kull wieħed li, tista' tgħid, huwa kittieb tal-Malti u ħadmu għall-progress tal-Malti. Il-Professur Arberry, ħa interess fil-letteratura Maltija, u bil-ko-operazzjoni tal-Professur Aquilina, kemm dam hawn fostna, qara xi xogħlijiet letterarji Maltin, fosthom il-versi ta' Dun Karm, li tiegħu għamel traduzzjoni tal-versi *Non Omnis Moriar*. Huwa biħsiebu jikteb xi ktieb fuq il-Lsien Malti u l-letteratura tiegħu.

Waqt dan ir-riċeviment tkellem il-President tal-"Għaqda", il-Professur Galea, li fost ħwejjeġ oħra semma dwar il-ħidma tal-Professur Arberry fil-qasam letterarju, u speċjalment dwar l-istudju li qiegħed jagħmel fuq l-istruttura etimoloġika ta' l-ilsna orjentali. Il-President qal li l-Professur Arberry ħaqqu merħba b'mod partikulari għax hu ma ġiex jagħmel żjara qasira biss, iżda baqa' hawn fostna bosta ġranet biex jieħu idea tal-qagħda letterarja fil-Gżira tagħna u hekk ikun jista' jagħraf aħjar l-isvilupp tal-letteratura Maltija tagħna.

Għd-diskors tal-President tal-"Għaqda" wieġeb il-Professur Arberry, fejn fisser li hu jħoss ruħu onorat ħafna b'dik l-istedina mill-aqwa "Għaqda" letterarja ta' Malta. Hu kien ċert li f'dik il-laqgħa kien hemm nies li jirrappreżentaw l-ogħla element kulturali u l-klassi awtorevoli fil-qasam letterarju ta' Malta. Għalhekk hu u s-Sinjura tiegħu jibqgħu jiftakru b'għoġba kbira din l-okkażjoni fiż-żjara tagħhom lill-Maltin.